# Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Network Dinji ta’ Talb mal-Papa
MALTA

Ottubru 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex fil-ħidma tagħhom, il-ġurnalisti jirrispettaw il-verità u jimxu dejjem fuq dak li hu sewwa.**

## Ninġabar:

Insib pożizzjoni komda u nikkalma. Nieħu ftit tal-ħin niffoka fuqi li qed nieħu n-nifs ’il ġewwa u imbagħad ’il barra… Issa nirrepeti bil-mod għal ħames darbiet il-kliem ta’ Ġesù, « imberkin dawk li għandhom il-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja »…

U nirringrazzja ’l Alla għal dawk il-ġurnalisti li jissagrifikaw ruħhom biex jgħixu dan il-kliem…

## Fatt ċkejken:



Ali Iman Sharmarke & Mahad Ahmed Elmi

Kemm Mahad Ahmed ELMI kif ukoll Ali Imam SHARMARKE kienu ġurnalisti magħrufa sew fis-Somalia. U t-tnejn li huma sfaw maqtula f’Mogadishu, f’żewġ attakki separati fis-16 t’Awwissu, 2007. Lil Elmi sparawlu f’rasu filgħodu waqt li kien sejjer għax-xogħol; lil Sharmarke qatluh b’majn splussiva kontrollata mill-bogħod (remote-controlled landmine) hekk kif kien ġej lura mill-funeral ta’ Elmi.

Sharmarke (50 sena) – li l-mara u t-tfal tiegħu jgħixu Ottawa – ħalla l-impjieg tajjeb li kellu l-Kanada biex imur lura f’Mogadishu, il-Belt fejn twieled. Elmi (30 sena) mis-Somalia, kien jaħdem miegħu fil-kumpanija *Horn Afrik*, stazzjon tar-radju li kien jikkritika kemm lill-gvern kif ukoll lill-militanti Islamiċi f’pajjiżhom. Ta’ kull filgħodu, Elmi kien jippreżenta talkshow popolari fejn ir-residenti ta’ Mogadishu kienu jċemplu biex jirrapurtaw x’kien qed jiġri madwarhom f’dak li għandu x’jaqsam ma’ kriminalità u kif il-gvern kien qed iwieġeb għaliha. Sharmarke min-naħa tiegħu kien ukoll membru ħabrieki fil-kumitat favur il-libertà tal-espressjoni tan-*National Civil Society* tas-Somalia.

Dawn iż-żewġ ġurnalisti mietu għax kienu ilħna prominenti favur id-demokrazija u r-rikonċiljazzjoni fis-Somalia.

## Naħseb ftit:

Ħajti kienet tkun l-istess, kieku ma kienx hemm nies bħall-ġurnalisti li jwasslu l-aħbarijiet dwar dak li qed jiġri `l bogħod minni?

Kemm naf bir-riskju li jieħdu ħafna ġurnalisti biex iwasslu dak li jkun qed jiġri mingħajr ma jgħawwġu l-verità?

## Nitlob:

Missier Alla, għinni napprezza l-ħidma ta’ dawk li jwasslu l-aħbarijiet fi djarna. Agħmel Missier ħanin li l-ħidma tagħhom twassal lill-bnedmin biex jakkwistaw id-dinjità li tixirqilhom.

## Kliem ta’ dawl:

“Ma nagħżlux il-ġurnaliżmu biex inkunu popolari. Huwa xogħlna li nfittxu l verità u nagħmlu pressjoni kostanti fuq il-mexxejja biex jieħdu azzjoni.” *Helen Thomas*

## X’nista’ nagħmel:

Noffri t-tbatija tiegħi għal dawk il-ġurnalisti li ta’ kuljum jirriskjaw il-ħajja tagħhom.